MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Numru. 532/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Denise Mula)**
**(Supt. Neville Xuereb)**
**(Sp. Sandro Zarb)**

**v**

Abdul Hafis Ali Rabiq ta’ 27 sena iben Rabiq u Aloia imwieled Sudan fl-1976 u detentur ta’ numru tal-passaport mhux maghruf

Anwar Ali Salah ta’ 29 sena iben Fatima u Ali Saleh imwieled Sudan 1964 u detentur ta’ numru tal-Passaport mhux maghruf

Amin Matoug El Amin ta’ 34 sena iben Matoug u Miriam

Imwieled Sudan 03/06/1969 u detentur ta’ numru tal-passaport mhux maghruf

Hamed Julius Andani ta’ 29 sena iben Julian u Halima imwieled Sudan 1974 u detentur ta’ numru tal-passaport mhux maghruf

Hussain Ali Ali ta’ 26 sena, iben Ali u Fadja imwieled Iraq fi 02/05/1977 u detentur ta’ numru tal-passaport mhux maghruf

U Mohammed Hammad Mohammed Ageb 31 sena, iben Hammad imwieled Sudan fl-1972 u detentur ta’ numru tal-passaport mhux maghruf,

Rat l-artikoli taht liema l-Avukat Generali haseb li tista’ tinstab htija u cioe 68, 325(a), 95, 96, 221, 338(dd), 338(ee), 339(10(b)(c), 28A sa 28H, 49, 50, 31, 17(b)(c), 20, 22, 23, u 533 tal-kap 9.

Rat li l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal dawn il-proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi l-fatti ta’ din il-kawza jirrigwardaw rewwixta li qamet gewwa d-depot mill-hekk imsejha klandestini wara li l-istess barranin raw lil wiehed minn shabhom jigi b’xi mod ikkontrollat mill-pulizija. Konsegwenza ta’ din ir-rewwixta spiccaw tkissru vetturi tal-pulizija jew li kienu fil-pussess taghhom u sahansitra wegga’ membru tal-Korp.

In ezami tal-kawza in dezamina l-Qorti se tghaddi biex l-ewwel taghmel succint tax-xhieda kollha jew ahjar relevanti u se tibda l-ewwel minn dak li qalu l-akkuzati kemm fl-istqarrija u sussegwentement ghal dak li xehdu viva voce quddiem din il-Qorti.

Fl-istqarrija tieghu Ali Ali Hussain qal li hu gie mheggeg li jahrab mid-depot fejn kien qed jinzamm ma’ immigranti ohra, li hu ddeskriva bhala Sudanizi u suwed ohra. Qal ukoll li tela’ minn fuq il-bieb tal-hadid, hawn kien hawn xihadd iswed li ma jafx min hu li tah siggu u beda jheggu biex ikisser. Qal li kisser xi wahda jew tnejn karozzi, wahda blu skura u ohra bajda. Fir-rigward tal-karozza l-blu jghid li ghamlilha il-hsara fil-bieba u l-hgiega tal-genb. Innega li hu kellu x’jaqsam ma’ korriment ta’ xi ufficjal tal-pulizija. Innega wkoll li hu kien jaf min kien il-persuna l-ohra li kisser il-vetturi mieghu. Stqarr li hu kien ghamel dan kollu ghaliex kien ihossu mdejjaq fis-sitwazzjoni tieghu.

Viva voce qal li hu kien rieqed u sab li stembah u sab lilu nnifsu mbuttat lejn il-gate, kien qed jigi mbuttat minn nies Afrikani, sab ruhu hdejn il-karozzi, wiehed minn dawn in-nies poggielu f’idejh siggu ta’ l-injam u qallu biex jibda’ jfarrak. Hu tefa’ dan is-siggu fuq il-karozza.

Qal li hu ghamel dana kollu ghax kien taht effett ta’ breakdown minhabba l-mewt ta’ ommu li pero’ qal ukoll li grat fis-sena 1995. Qal li hu kien ihossu hekk ghax ma kienx ra lil ommu tmut. Qal li ilu b’depression ghal dawn l-ahhar tmien snin.

In kontro ezami qabel mal-fatt li l-gate minn fejn hareg ma’ l-ohrajn baqghet maghluqa u ghalhekk hu ma’ l-ohrajn kellu jiskala l-istess.

Amin Matoug El Amin ukoll irrilaxxa stqarrija. Fl-istess ikkonferma li hu kien dak il-persuna li kien jidher fuq il-gate fir-ritratti esebiti bhala JH2 u JH3. Qal li fil-fatt f’idejh kellu hobza u x’hin ittiehed dak ir-ritratt hu kien qed jgholli din il-hobza, innega li hu waddab l-istess hobza lil xi hadd. Fil-fatt dan il-fatt anke sostnieh meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Tkellem dwar il-fatt li hu kien spicca jitlob u kien se jibda jiekol meta sema’ hafna storbju gej minn fejn il-gate dan ghaliex beda jigri d-diskors li l-pulizija kienu sawwtu lil Mohammed. Hu avvicina l-istesss gate biex jara x’kien gara minn dan Mohammed pero’ nnega li hu qatt qabez barra mill-istess

gate anzi jghid li wasal sa fuq il-gate kif jidher fir-ritratti msemmija. Daqstant iehor innega li hu tefa' l-hobz li kellu f'idu ghalkemm jidher kif jidher fir-ritratt dok JH3. Ta' dan huwa ta spjegazzjoni li kien qed jghid lill-fotografu biex ma jigbidlux ritratti. Innega li hu qatt ta xi daqqa lil xi pulizja kif fil-fatt xehed PC 163 Robert Azzopardi. Hu nnega wkoll li ghamel xi hsara insulta jew hedded lil xi ufficcjal tal-pulizija. Xehed ukoll li hu fehem l-ordni li tawhom il-pulizija biex jidhlu gewwa, qal li fil-fatt obda u dahal . Identifika wkoll bhala nies li hargu barra lil Hamid u lil Hafis.

Hamed Julius Andani fl-istqarrija tieghu ma kellu xejn xi jghid. Pero viva voce stqarr li hu sema li Mohammed kien qed jigi assaltat mill-pulizija, xehed li hu ra xi tlieta jew erba' pulizija bl-uniformi jimbuttaw lil Mohammed. Qal li fil-fatt hu kien qed jitlob, sema' il-kommozzjoni barra, sema' li siehbu kien qed jigi assaltat u hass li kellu jghinu. Ghalhekk hu hass li kellu jaqbez barra mill-gate li sa dak il-hin kienet gia miksura biex jghin lil siehbu. Qal li fil-fatt hu qabez mill-logg li gia kien gie miksur fil-kommozzjoni. Xehed ukoll li hu obda lill-pulizja meta dawn ghamlulu sinjal biex jidhol il-gewwa. Innega pero' kwalunkwe akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Ikkonferma li hu ra karozzi miksura pero' ma kienx jaf minn ikkaguna din il-hsara.

Tkellem ukoll dwar xi individwi ohra Sudanizi li wara li tkellemu ma' l-ambaxxatur taghhom spiccaw skond hu hadd ma jaf b'ahbarhom.

Min-naha tieghu Abdul Hafis Ali Rabiq stqarr ili waqt il-kommozzjoni hu kien qed isalli, fil-fatt qal li hu ma ghamel xejn hlief li beda jheggeg lil shabu milli jieqfu u jidhlu gewwa. Qal ukoll li hu ma kellu ebda intenzjoni li jahrab gialadarba l-ewwel darba li fil-fatt kien harab hu spicca bla ikel. Hu ma kienx f'posizzjoni la li jghid minn fejn hargu l-ohrajn u lanqas jiftakar minn fejn hareg hu. Viva voce qal li waqt li hu kien qed jinhasel xihadd gharrfu li siehbu certu Mohammed kien qed jigi msawwat u meta wasal hdejn il-

gate barra ra hafna klandestini. Qal hu hareg minn fuq u beda jheggeg lill-ohrajn jidhlu gewwa. Baqa' jinsisti fil-fatt dan l-akkuzat li hu ma kienx responsabbli ghal ebda mill-akkuzi migjuba kontra tieghu anzi innega dak li xehed PC1183 Oliver Borg fuqu n kwantu dan l-ufficcjal xehed li hu kien rah lil dan l-akkuzat b'tustiera ta' sodda f'idejh. Minn naha tieghu Rabiq baqa jnsisti li meta wassal hu hdejn il-kommozzjoni kien spiccat ghal kollox dan ghax hu xehed li hu sar jaf b'dan kollu issa waqt li kien qed jiehu shower. Qal ha seba' minuti cirks biex jilbes u ghalhekk sakemm wasal barra kollox kien gia gie determinat.

Mohammed Hammed Ageb fl-istqarrija tieghu ukoll qal li hu qabez il-gate mill-parti ta' fuq miksura biex iwaqqaf lil shabu li kienu barra. Stqarr ukoll li jekk jikxef minn kienu shabu li hu ra jkissru dawn jispiccaw joqtluh, innega li hu ried jahrab. Viva voce qal li kien ghadu kif spicca t-talb meta sema' li kien hemm Sudaniz qed jisssawwat mill-pulizija . Hu ghalhekk hareg biex iwaqqfu ghax ma riedx li dan jaghmel isem hazin lill-grupp taghhom tas-Sudan. Darba li hareg ra karozzi mkissrin u ddecieda li jerga' jidhol gewwa gol-huts pero' darba li semgha li kienu gew tat-television hu rega' hareg telgha fuq il-gate u kien hawn li ngibu r-ritratti. Qal li hu baqa' mxabbat mal-gate. Muri r-ritratti JH3 U JH4 qal li dawk ittiehdu l-ewwel darba.

Fl-Istqarrija tieghu Anwar Ali Saleh qal li hu hareg mill-gate biex ikun ma' shabu Sudanizi. Zied li kieku kellu l-opportunita' li jahrab hekk kien jaghmel. Qal li ghalkemm ra t-tkissier ma jafx minn kien responsabbli ghal dan. Lanqas ma ra lil Mohammed jigi msawwat jew lil xi pulizja imsawwat. Min-naha l-ohra viva voce qal li hu kien ma' ohrajn kienu qed jitolbu u semghu li wiehed minn taghom gie aggredit ghalhekk huma waffqu t-talb u marru lejn il-gate li sabuha gia miksura. Hawn gia sab il-ksur u l-pulizija pero ma jafx jgidilna minn kien responsabbli ghal dan id-dizastru. Zied jghid pero' li kieku kellu cans jahrab hakk kien jaghmel.

Il-Prosekuzzjoni ressqet provi tad-danni sofferti mill-vetturi; P.C. 1471 John Debattista xehed li l-vettura WVGolf DAH 137 gia GVP281 sofriet danni ghal ammont ta’ Lm251.99 (Dok JD), il-vettura Alfa Romeo KBA 212 gia GVP 136 ghal ammont ta’ Lm185 (Dok JD1), il-vettura Hyundai Accent EAD 878 gia GVP 207 ghal amont ta’ Lm191.23 (Dok 191.23), Hyundai ohra DAE 742 gia GVP 092 ghal ammont ta’ 148.42, (DokJD3). Fil-konfront tal-vettura DAK 183 xehed ukoll Louis Pace, sid l-istess, li tkellem dwar hsara ammontanti ghas-somma ta’ Lm277.93 (Dok LP a fol 135).

Saret hsara wkoll fuq xi apparat anti riot appartenenti lill-pulzija li tammonta ghas-somma ta’ erbghin lira Maltin.

P.C.396 Saviour Baldacchino xehed li dakinhar ta’ l-incident kien ra lil klandestini jaqalghu il-bicca ta’ fuq tal-gate. Fil-fatt din il-bicca li l-Qorti irreferiet ghaliha bhala l-logg, kienet maghmula minn injam stante lil dik originali gia kienet maqlugha. Ghalhekk xehed li hu ra lill-klandestini jisfurzaw bis-sodda din il-bicca ta’ l-injam, ghalhekk kisbu access ghal barra , rahom sejrin ghalihom bil-forza, ra li marru fuq ufficjal tal-pulizija tawh daqqa ta’ sodda u fethulu rasu. Xehed ukoll dan il-kuntistabbli li hu ra lil wiehed minn dawn il-klandestini li hu identifika bhala Hussein Ali Ali jkisser il-karozzi jew b’bicca minn sodda jew b’dahar ta’ siggu. Dan il-kuntistabbli jiddeskrivi s-sitwazzjoni bhala wahda “…..weird hafna ghax huma bdew hergin u ahna ma stajniez nikkontrollaw is-sitwazzjoni. Kienet inkontrollabbli …..) ( a fol 62). Qal ukoll li l-klandestini sahansitra bdew iwaddbu laring li fih kellu anke hgieg. Xehed ukoll li bhala ordnijiet li nghataw lill-klandestini kienu fis-sens li jaghtu l-hgieg lill-pulizija u li jidhlu lura gewwa bi kwiethom.

P.C. 246 Vincent Cesare ukoll kien prezenti ghal din ir-rewixxta tant li hu ra lill-klandestini kemm jaqalghu l-injam u johorgu mill-logg, ra lil wiehed minn shabu jigi ferut, ra wkoll lil Hussein Ali Ali jkisser il-karozzi pparkjati fis-CID yard. Xehed ukoll li huma bdew jaghtu ordnijiet bl-Ingliz lill- kalndestini u li xi whud bdew jaderixxu ma’ l-

istess. Qal li fil-fatt f'sitwazzjonijiet qabel xi whud mill-klandestini gieli kkomunikaw maghhom bil-lingwa Ngliza bhal per ezempju meta jitolbuhom xi sigarett.

P.C. 1183 Oliver Borg xehed li kien diehel lura lejn id-depot u hemm ra lill-klandestini jaqbzu l-ewwel gate ta' fejn huma mizmuma. U li kienu armati b'oggetti tal-metall bhal tustieri tas-sodda, kanen tal-hadid Identifika wkoll lill-imputat Husein Ali Ali bhala l-persuna li bdiet tkisser il-karozzi. Xehed ukoll li Abdul Hafis Ali Rabiq kellu tustiera ta' sodda f'idejn u li hadielu hu stess. Ikkonferma li l-klandestini nghataw ordinijet li jidhlu l-gewwa bil-lingwa Maltija u kiien cert li kienu qeghdin jifhmu ghax bdew jirrispondu lura.

PC Robert Azzopardi xehed li hu kien fixed point mal-klandestini dakinhar ta' l-incident. Qal li kienu gew akkumpanjati erba' mill-klandestini biex ikellu lill-Avukat u sema' hafna ghajjat gej minn din il-kamra, ra imbaghad wiehed mill-klandestini jigi akkiumpanjat minn pulizija liema klandestin kien qed jghajjat u jxejjer idejh f'wicc il-pulizija, ra imbaghad lil dawn it-tnejn jaqbdu f'xulxin tant li kienu anke se jaqghu ma' l-art. Ix-xhud ghalhekk zamm lill-klandestin ma' l-art u mmanttjawh u hadu hdejn is-surgent. Kien minn hawn li l-klandestini fil-kmamar taghhom  bdew jitfghu laring , bottijiet, flixken tal-plastik mimlijin bis-sapun. Ra anke li l-klandestini jaqbzu mill-logg. F'din il-kommozzjoni ra wkoll wiehed minnhom li hu xebbah ma' Amin Matoug El Amin li tah daqqa ta' tustiera ta' sodda tal-hadid, u kkagunalu head injury skond certifikat mediku esebit bhala dok A  a fol 90. Xehed ukoll li qabel dana kollu ra wkoll lil  Hussein u El Saleh barra jirrabjaw mal- pulizija.. Xehed ukoll li  hu beda jitkellem mal-klandestini kemm bil- lingwa Maltija kif ukoll b'dik Ingliza u li xi whud minnhom kienu qed jifhmuhom.

PC Joseph Tonna wkoll kien prezenti ghar-rewwixta tant li ra wiehed mill-ufficjali mimli bid-demm identifika wkoll lil Hussein Ali bhla dik il-persuna li kienet qed tkisser il-karozza, qal ukoll li l-klandestini obdew l-ordnijiet biss meta raw li l-pulizija kienu armaw lilhom infushom bit-tarak u li kienu ziedu fin-numru. Anke PS Stephen Monreal

ikkonferma li hu ra lil Hussein ikisser il-vettura DAE 742. L-istess xehed PC 142 Robert Borda fil-konfront ta’ Hussein, jghid li mizerjament rah ikisser almenu tliet vetturi. Gharaf ukoll lil Abu Hafis Ali Rabiq bhala wiehed minn dawk li beda jwaddab xi affarijiet lejn il-pulizija.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti jidher lil fatti in succint bdew bil-vista ta’ l-avukat id-depot biex jitkellem ma’ xi klandestini, jirrizulta li wiehed minnhom kellu xi battibek mal-pulizija hu u jigi eskortat lura minn fejn l-Avukat ghal gewwa l-huts, tant li hemm xhieda li turi li dawn cioe il-klandestini, aktarx Mohammed Sulaimen u pulizija spiccaw go xulxin. Konsegwenza ta’ dan l-istess Mohammed spicca fl-art mizmum mill-pulizija mmanettjat u mehud x’imkien iehor. Ghal dan l-incident kienu qed jassistu xi klandestini ohra li kienu qed iharsu barra mil-huts minn gor-rixtellu, inqalghet l-agha li Sudaniz kien qed jigi msawwat mill-pulizija u inqalghet ir-rewwixta sussegwenti bil-konsegwenzi kollha li smajna.

Smajna emfazi kbir isir min-naha tad-Difiza dwar il-background ta’ uhud minn dawn il-klandestini specjalment dawk ta’ nazzjonalita’ sudaniza u ghalhekk thoss din il-Qorti li tali fatturi aggravanti ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghad-determinazzjoni ta’ l-akkuzi in ezami. Jirrizulta fil-fatt li dawn il-klandestini fil-maggor parti taghhom ilhom tul taz-zmien imsakkrin ta’ Kandja u aktar tard gewwa d-depot. Jirrizulta wkoll u dan fil-konfront tas-Sudanizi illi dawn inqabdu taht sistema legali li mir-risultanzi taghha ma ppermettietx ezitu aktar posittiv bhal fil-kaz ta’ Sudanizi ohra klandestini li gew warajhom fil-gzejjer taghna. B’dan ghalhekk li xi sudanizi kienu qeghdin jaraw shabhon johorgu barra u jgawdu certa liberta’ u huma baqghu imsakkrin gewwa, qishom kriminali biex il-Qorti tuza kliemhom stess. Jinhtieg anke jissemma’ l-fatt li dawn in-nies qeghdin jinzammu maqfulin gewwa d-depot u moghtija faciltajiet skarsi. Pero’ dan qed jinghad ukoll b’dan li huma ghandhom ukoll jifhmu li s-sitwazzjoni kif inhi ma tippermettix li huma jithallew jigru barra qisu

qatt ma gara xejn jinhtieg li jifhmu l-mod li huma dahlu f'pajjizna, b'mod ghal kollox illegali. Gie espost quddiem din il-Qorti anke l-problemi li jistghu jiffaccjaw uhud minnhom, dawk ta' nazzjonalita' Sudaniza jekk fil-fatt jergghu jintbaghtu lura lejn pajjizhom.

Fl-isfond ta' dan ix-xenarju tenut kont tal-fatt li xi whud minn dawn il-klandestini raw lil Mohammed Sulaiman jigi kkontrollat mill-pulizija allura ahna rinfaccati bl-ingredjenti kollha ta' rewwixta.

Il-Qorti  mhux se tidhol fuq il-mertu ta' kif gie mizmum dana Suleiman u jekk intuzatx forza eccessiva fil-konfront tieghu. Jezistu diskrepanzi bejn dak li qalu l-imputati li raw lil Mohammed imsawwat u l-mod kif il-Pulizija qalu li gie kkontrollat dan is-Sudaniz.

Mill-provi prodotti jidher li l-unika imputat li fi stadju ta' investigazzjoni ammetta l-involviment tieghu huwa Hussein Ali li fl-istqarrija qal li kien kisser xi wiehed jew zewg vetturi alavolja qal li hu gie mghieghel jaghmel dan. Frankament pero' din il-Qorti ma tistax tifhem x'kienet dik il-forza estranea li wasslet li Hussein fl-impossibilita' li jirrezisti jkisser il-vetturi in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz diversi kienu l-pulizija li xehdu li raw li Hussein jaghmel tali hsara. Viva voce ggustifika l-azzjonijiet tieghu billi qal li kellu breakdown minhabba l-mewt ta' ommu li grat snin ilu. Min-naha l-ohra  l-akkuzat Matoug irid li jitwemmen li hu baqa' mxabbat mal-gate u li ma tefa' xejn lejn il-pulizija nonostante r-ritratti li juru mod iehor. Tfakkar il-Qorti wkoll li l-kuntistabbli Azzopardi xebbah il-persuna li tah u kaggunalu griehi lil Matoug, pero' tali xebh ma  jwassalx biex jikkonvinci lill-Qorti li Matoug kien l-agent ta' dawn il-griehi. Lanqas pero' ma hi konvinta l-Qorti min-nuqqas ta' involviment ta' l-istess Matoug billi taccetta l-ispjegazzjoni tieghu li hu jidher b'idu mghollija fir-ritratt ghaliex kien qed jindirizza lill-fotografu.

Minn-naha l-ohra Andani kif pre-espost jidher li fl-istqarrija kellu telf kbir tal-memorja imbaghad viva voce ammetta li hu hareg jghin lil shiebu mill-gate li kienet gia  miksura

pero' zied li hu ma l-ewwel obda lil Pulizija meta gie moghti xi ordni.

Rabiq min-naha tieghu xehed li mhux talli ma kienx involut f'dak li gara, anzi kien hu li beda jheggeg lil shabu jobdu lill-Pulizija. Apparti kontradizzjonijiet ohra li jidhru mis-succint li l-Qorti gia ghamlet ta'dak li stqarr u dak li xehed, jinsa forsi dan Rabiq li kemm il-kuntistabbli Borg qal li sahansitra rah b'tustiera f'idu u l-kuntistabbli Tonna, Pace u Borda gharfuh bhala wahda mill-persuni li bdiet titfa' l-affarijiet lejn il-pulizija. Ageb minn-naha tieghu ukoll irid li jitwemmen li hu beda jheggeg lil shabu biex ma jaqalghux inkwiet nonostante l-fatt li sema' li wiehed minn shabu kien qed jigi imsawwat. Ali Saleh minn naha tieghu ghalkemm jixhed li meta wasal hu sab il-fatt kompjut kien sincier bizzejjed li jghid li kieku kellu c-cans kien fil-fatt jahrab. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li Saleh wera bic-car x'kienet l-intenzjoni tieghu. Tfakkar ukoll il-Qorti li l-kuntistabbli Azzopardi anke gharaf lill-istess Saleh u Hussein barra jargumentaw mal-pulizija.

Rat ukoll is-sentenzi esebiti fil-konfront ta' Rabiq, Matoug, Andani, Ageb u Ali Saleh. Rat ukoll li ma giet esebita ebda sentenza fil-konfront ta' Ali Hussein kif ukoll li ma gietx esebita l-Fedina Penali ta' Agib. Rat ukoll li fil-konfront tas-sentenzi sospizi in kwantu ghal fatt li l-Avukat Generali iccita l-artikolu 28A et sequitur, l-unika akkuzat li kkometta reat fiz-zmien tal-perjodu operattiv kien biss Saleh li kien ikkundannat ghal tliet xhur sospizi ghal sena fdil-25 ta' Settembru, 2002 meta l-akkuzi jirrelattaw ghal nhar is-17 ta' Gunju, 2003.

Qieset il-provi prodotti fir-rigward tan-numru ta' klandestini li ngabru meta hargu mill-logg u ghalhekk qed issib lil akkuzati kollha hatja tar-reati ikkontemplati fl-artikoli 68, 95, 96, 388(dd) 388(ee) 339(1)(b), b'dan illi r-reati kontravenzjonali huma komprizi u nvoluti fid-delitti gia msemmija. Issib kif gia premess lil Anwar Ali Saleh biss hati tal ksur ta' l-artikolu 28A kap 9. Fil-konfront tar-reat

taht l-artikolu 325 tal-kap 9 issib lil Ali Ali Hussein biss hati ta’ dan. Issib li l-unika akkuzat recidiv huwa Abdul Ali Rabiq u dan wara li rat l-artikoli 49 u 50 kap 9.

Fil-konfront tal-pieni tikkundanna lil Amin Matoug El Amin, lil Hamed Julius Amdani u lil Mohammed Hammed Ageb ghal piena karcerarja ta’ sena habs li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Tikkundanna wkoll lil Anwar Ali Saleh ghal sena habs u inoltre tiskatta in operat it-tliet xhur habs sospizi wara li rat l-artikolu 28B Kap9 li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Issib lil Ali Ali Hussein apparti ghal htija fir-rigward tar-reati gia msemmija fil-konfront ta’ l-akkuzati kollha hati ukoll tar-reat taht l-artikolu 325 tal-kap 9 u tikkundanah ghal piena karceraraja ta’ tmintax il-xahar habs li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.
Issib lil Abdul Ali Rabiq apparti ghar-reati li ghalihom gia nstab hati kif gia imsemmija fil-konfront ta’ l-akkuzati kollha, anke hati ta’ recidiva wara li rat l-artikoli 49 u 50 kap 9 u ghalhekk wara li rat ukoll l-artikolu 31 tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax il-xahar li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------